MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2008

Numru 353/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**versus**

**John Gera.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra John Gera ta’ 45 sena, iben il-mejjet Victor Emanuel u Mary nee Borg Caruana, imwieled il-Pieta’ fit-13 ta’ Lulju 1960 u joqgħod 5 Sisner Street Balzan u li għandu l-karta tal-identita’ bin-numru 483160 (M)

Akkużat talli fl-Imtaħleb, f’Wied iż-Żurrieq, f’Ħal-Far, San Pawl il-Baħar u fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer, fis-sena 2004 u fis-sena 2005 b’diversi atti magħmulin minnu wkoll

fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda

1) Ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' Tessie sive Teresa Calleja;

2) U aktar bħala impjegat fl-istess post tax-xogħol ta fastidju sesswali lil impjegata oħra, u cioe' lil Tessie sive Teresa Calleja billi assoġġettaha għal att ta' intimita' fiżika u/ jew issoġġettaha għal xi atti u' jew kondotta b'konnotazzjonijiet sesswali, liema att, talba jew kondotta ma kinux mixtieqa mill-vittma u jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensivi, umiljanti u intimidatorji;

3) U aktar talli bħala impjegat fl-istess post ta' xogħol ta fastidju lill-istess impjegata Tessi sive Teresa Calleja billi assoġġettha għall-att u kondotta mhux mixtieqa, bi kliem bil-fomm u ġesti li huma bbażati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensiva, umiljanti u intimidatorji.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 4831 tal-1960, il-fedina penali tiegħu a fol.3, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol.6 u a fol.7, l-istqarrija tal-imputat a fol.12, il-kwerela mibgħuta mill-Avukat ta' Teresa Calleja (fol.14), l-ittra mibgħuta mid-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili lil Therese Calleja dwar it-tmiem tal-ingaġġ tagħha mal-Korp tal-Voluntiera (fol.51), ir-risposta mibgħuta minn Therese Calleja (a fol.52), l-istqarrija ta' Station Officer Natalino Bezzina ( fol.54), id-dikjarazzjoni tal-Operations Manager John Gera (fol.55), l-email (a fol.56), id-dok FA (fol.94), Dok GJ, GJ1 sa GJ9 (fol.159), u d-Dok.MG a fol.292. Rat ukoll ir-risposta tad-difiza ghan-nota li kienet pprezentata mill-prosekuzzjoni.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

5. Rat ukoll in-Nota ta' referenzi ppreżentata mill-Prosekuzzjoni.

Ikkonsidrat

6. L-Ispettur Louise Calleja xehdet li Therese Calleja kienet ilha mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili sentejn. Din Therese Calleja allegat li kienet ilha għaddejja minn ċerta harassment mill-imputat li huwa l-Operations Manager fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. L-istess Therese Calleja kienet allegat li l-imputat kien ukoll għamel attentat vjolenti għall-pudur u kien qalilha diskors sesswali u diskors li jumiljaha. (Fol.9). L-Ispettur kellmet lil diversi persuni iżda mhux kollha kienu f'pożizzjoni li jikkonfermaw l-allegazzjonijiet magħmula minħabba, li skond kif allegat Therese Calleja, hi u l-imputat kienu jkunu waħidhom. Ix-xhud qalet li fl-ewwel stqarrija tiegħu l-imputat ċaħad kollox.

7. Fit-tieni stqarrija tiegħu, [1] l-imputat qal li Therese Calleja u ċertu Lawrence Sammut kienu jkunu dejjem flimkien u Therese Calleja kienet dejjem tiġbor lil dan Lawrence Sammut qabel imorru fil-post li jkun indika d-dipartiment. Jidher ukoll li kien hemm xi ħaġa bejn il-kwerelanti u persuna oħra . L-imputat qal ukoll li ma kienx jaf ir-raġuni għala Therese Calleja kienet tkeċċiet. Meta d-direttur kien kellmu fuq il-każ li kien seħħ ix-Xemxija l-imputat kien wieġbu li kien ħa ħsieb isolvi l-problema hu u ma kienx hemm għalfejn ineħħi lil Therese Calleja. L-imputat stqarr ukoll li għamel minn kollox biex ma titkissirx familja oħra. Huwa nnega totalment li kien ta xi kunfidenza lil Therese Calleja jew qal xi diskors mhux xieraq magħha. Huwa qal:

'Dan mhux fil-karattru tiegħi.'

L-imputat qal ukoll li tliet persuni oħra kienu jkunu preżenti miegħu l-ħin kollu u talab lill-Ispettur tkellem lil dawn it-tlieta min-nies.

8. Xehdet il-kwerelanti li kkonfermat il-kwerela li kienet għamlet. Hija xehdet li fis-sentejn u nofs li għamlet bħala

---

[1] L-ewwel waħda ma tidhirx fil-proċess. Ara x'qalet il-Prosekutur a fol.10.

voluntiera l-imputat kien uża xi kliem b’konnotazzjoni sesswali fil-konfront tagħha. Semmiet ukoll l-inċident f’Ħal-Far fejn kien intuża ċertu kliem (ara fol.18). L-eżerċizzju kien ġara xi sentejn qabel, jiġifieri f’April jew Mejju tas-sena 2004. L-aħħar inċident kien sar f’Awwissu tas-sena 2005. Inċident ieħor kien ġara x-Xemxija fis-sena 2005. Meta kien jaraha tieqaf – għax hi kienet imweġġa’ – kien jgħidliha li mhix kapaċi. (Fol.19). L-imputat kien għadda rimarka sesswali oħra fi żmien il-laqgħa taċ-CHOGM. (Fol.21). Imbagħad meta kienet dieħla l-garaxx l-imputat kien missha kif deskritt a fol.20 u fol.25. Il-kwerelanti qalet ukoll li xi ħadd ieħor qalilha li l-imputat kien libes xi biċċa ħwejjeġ ta’ taħt f’rasu. (fol 23) waqt li semmiet li wara barbikju f’Ħ’Attard reġa’ qal li kienet ‘ġennitu’. (fol 25). Ix-xhud qalet ukoll li kien hemm inċident ieħor fl-Imtaħleb fejn l-imputat reġa’ għadda rimarki sesswali.

9. Ix-xhud qalet li hi dejjem kienet tgħidlu biex joqgħod kwiet u qalet ukoll li ħadd ieħor kien issuġġerixxa li għandha tgħid lill-imputat jieqaf. Xehdet ukoll li hi dejjem ħadmet ħafna bħala voluntiera. Persuna oħra kienet qaltilha li kienu sejrin ikeċċuha għax kienet tgħaddi ħafna ħin fl-uffiċju ta’ uffiċjal ieħor. (Fol.32).

Id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili

10. Xehed id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili. Huwa qal li kien għarraf lil Therese Calleja li kien qed itemm l-impieg tagħha minħabba raġunijiet ta’ servizz. Dan kien skond struzzjonijiet li kien irċieva mis-Segretarju Permanenti. (Fol.39). Il-kwerelanti kienet kitbitlu ittra wara t-tkeċċija u għamlet allegazzjonijiet ta’ abbuż sesswali mill-imputat. (Fol.40). Huwa kien bagħat għas-sur Natalino Bezzina u kien talbu jagħmel stqarrija.(ara fol.54). Din il-persuna nsistiet li l-kwerelanti kienet raqdet fl-uffiċċju tiegħu għal ftit jiem biss meta hu ma kienx hemm u kien hemm mara oħra magħha. Xi persuni kienu qalulu li l-imputat kien libes biċċa tal-ħwejjeġ ta’ taħt tal-kwerelanti. Hawnhekk ix-xhud esibixxa l-e-mail li kienet bagħtitlu l-kwerelanti fejn fiha rreferiet għar-rapport li kienet għamlet lill-Pulizija kif ukoll li r-raġel tagħha kien infurmat li qagħdet imqarba meta kienet voluntiera u li kien hemm effettivi negattivi

fuq il-ħajja familjari tagħha. (Ara fol.57) Ix-xhud qal ukoll li meta kien ikollu xi lment dwar l-imputat dan kien għaliex l-imputat kien naqra iebes man-nies. Huwa qatt ma kellu xi lment dwar sexual ħarassment fuq l-imputat. U fuq Natalino Bezzina l-ilmenti kienu li ma kienx ikun fuq il-post tax-xogħol.

11. Waqt il-kontro-eżami, id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili kkonferma li l-allegazzjoni ta' sexual harassment saret wara li Therese Calleja kienet mgħarrfa bit-terminazzjoni tal-impieg. (fol.47). Huwa qal ukoll li fir-ritratt li kienu wrewh, kien hemm persuna oħra (u mhux l-imputat) qed iżżomm oġġett (li jinxtara minn sex shop) fuq ras voluntier ieħor. (fol.48 u 49).

12. L-istess xhud ippreżenta għadd ta' dokumenti u fosthom (PC 3) hemm dikjarazzjoni mill-imputat magħmula fid-19 ta' Diċembru 2005 li fih ċaħad l-allegazzjonijiet li saru kontra tiegħu. Huwa ddikjara wakoll li dejjem ġab ruħu ta' fizzjal inkarigat mill-Unit tal-Voluntiera b'mod korrett u li membri oħra tal-Unit setgħu jikkonfermawh.

Xhieda Natalino Bezzina.

13. Xhud ieħor tal-Prosekuzzjoni kien Natalino Bezzina. Dan xehed li l-kwerelanti kienet qaltlu li l-imputat kien ittantaha. Kienet qaltlu dan waqt il-laqgħa taċ-CHOGM (fol.60). Ix-xhud kien taha parir biex tiqaflu. Huwa kien jaraha aktar miġbuda lejn l-uffiċju tiegħu biex tkun 'il bogħod min fejn kien jiffunzjona l-imputat. Huwa qal li ma kien preżenti f'ebda inċident. Hu kien qed jgħid dak li sema. Huwa xehed li l-post ma kienx attrezzat għan-nisa u kienet twaħħlet purtiera fuq insistenza tal-kwerelanti. Ix-xhud kien offra l-faċilitajiet tal-uffiċċju tiegħu – telephone, dawl, heater – lin-nisa li kien hemm. F'xi ħin minnhom l-imputat kien libes qalziet ta' taħt tan-nisa li kien sab fil-kamra tax-xhud fuq rasu. Dak il-ħin fil-kamra kien hemm ix-xhud biss u kien dieħel ukoll ċertu Mario Xuereb. (fol.63) Fl-1 ta' Diċembru l-imputat kien għarrfu li kienet ser titkeċċa Therese Calleja minħabba li din kienet viċin tal-uffiċju tiegħu. Wara l-mottiv tat-tkeċċija nbidel u sar

wieħed politiku. (fol.65). L-għada Therese Calleja kienet qaltlu li kienet tkeċċiet.
Harry Eddleston

14. Xehed ukoll Harry Eddleston. Dan qal li lill-imputat ma rah jagħmel xejn. (Fol.70). Huwa semma wkoll xi kliem li ntuża waqt it-training liema kliem kellu konnotazzjoni sesswali. (fol.71). Ix-xhud qal li l-imputat kien ġablu l-oġġett sesswali li jinxtara minn sex shop. (Fol.72). Fil-kontro-eżami huwa qal li qatt ma kien preżenti meta l-imputat issoġġetta lil Therese Calleja għal xi atti jew kliem b'konnotazzjonijiet sesswali.

Marija Whitehead

15. Marija Whitehead xehdet li fuqha kien isir xi kliem li ma kenitx tieħu gost bih. Hi semmiet kliem li kien juża l-imputat. (fol.80 u fol.82). Semmiet ukoll li meta kienu jkunu waħidhom fl-uffiċċju kien 'jaqbadha minn qaddha u jpoġġiha fuqu.'(fol.80). Għalhekk kienet tevita tkun weħidha miegħu. Fuq dan kollu ma kienet tkellmet ma' ħadd għal xi żmien iżda mbagħad kienet kellmet lil Supretendent. (Ara fol.85). Hija qalet ukoll li kien hemm inċident ieħor waqt camping fejn l-imputat kien qalilha li ma kienet tiswa xejn. (Ara fol.86).

Frank Axiaq

16. Il-Prosekuzzjoni tellgħet jixhed ukoll lis-sur Frank Axiaq, station officer mas-Civil Protection. Dan qal li ma kienx preżenti waqt iċ-CHOGM. Huwa qal li ma kienx jaqbel mal-andament kollu tat-training. F'okkażjoni ta' open weekend huma kellhom struzzjonijiet min-naħa tal-imputat biex ma jitkellmux mal-voluntiera.

Lawrence Sammut

17. Xehed ukoll Lawrence Sammut. Huwa qal li l-imputat kien għadda rimarka quddiemu fuq Therese Calleja u kien qalilha biex tgħidlu biex jieqaf. (Fol.97). Dan ġara darba.

(Ara fol.98). Huwa qatt ma ra lill-imputat jieħu konfidenzi ma' xi ħadd.

Is-Supretendent Raymond Vella Gregory

18. Xehed ukoll is-Supretendent Raymond Vella Gregory. Huwa xehed li Therese Calleja kienet għamlet allegazzjonijiet dwar avvanzi sesswali (verbali u fiżiċi) li kien għamel wieħed mill-managers tagħha li kien l-imputat. Dawn saru f'okkażjonijiet bħaċ-CHOGM u meta kien hemm xi nies mill-Italja qed jittrenjaw magħhom. Imbagħad huwa kien kellem lill-Ispettur Calleja.

Xhieda Difiża

L-Imputat

19. L-imputat (fol 109 -157) qal li meta spiċċa ċ-CHOGM kien bagħat għalih d-direttur Peter Cordina u nfurmah li kienet ser titkeċċa Therese Calleja. L-imputat qal lid-direttur li hu kien jaf biss bl-inċident meta Therese Calleja kienet raqdet fl-uffiċċju tal-uffiċjal Natalino Bezzina. Huwa talab lid-direttur jgħarraf lil Natalino Bezzina dwar dan għax ma riedx li dan l-uffiċjal jispiċċa fl-inkwiet mal-mara tiegħu. Fil-fatt il-kamra li kienet allokata għal Theresa Calleja kienet adjaċenti mal-kamra ta' Natalino Bezzina. L-imputat kien għarraf lil Natalino Bezzina dwar dan u dan tal-aħaħr deher xi ftit panikuż u qallu li kienu daħlu ħafna nies fl-uffiċju tiegħu. L-imputat qal ukoll li hu kien diġa' ħa passi kontra Therese Calleja għax kien kellimha.

20. Meta d-Direttur kien għarraf lill-imputat dwar il-kontenut ta' ittra rigward l-aġir tal-imputat huwa kien irriżerva d-dritt li jieħu passi kontra l-persuna li għamlithom. (Fol.116). L-imputat sar jaf bl-allegazzjonijiet fid-dettall fl-Awla u mhux qabel.

L-Inċident Fl-Imtaħleb

21. L-ewwel inċident li nnega l-imputat kien dwar l-inċident tal-Imtħaleb għaleix dan sar fis-7 ta' Frar 2005 waqt li Theresa Calleja kienet  semmiet April u Mejju 2004.

(Qabbel fol.17 ma' fol.118). Huma kienu xi tmienja b'kollox. Il-kwerelanti kienet ħdejn ir-Roman Villa u qaltlu li peress li ma kinitx tiflaħ ma kinitx sejra magħhom. Kienet talbitu wkoll biex isibilha xogħol mal-Ambaxxata Amerikana għax fuq ix-xogħol kien hemm xi ħadd li kien qed jaqbad magħha. Għalhekk il-kwerelanti lanqas biss kienet magħhom dak in-nhar. (fol.119). Ir-ritratti ttieħdu fis-7 ta' Frar 2005. Huma ma kinux għamlu absailing iżda tower climbing.

Inċident Ħal-Far

22. Dwar l-allegati inċidenti f'Ħal-Far l-imputat xehed li malli daħal sab lil Therese Calleja li staqsietu jekk il-jum ta' qabel kienx immarkaha 'absent' jew 'present'. Hi ma kenitx marret u fl-aħħar, biex jikkuntentaha, immarkaha 'excused.'. Hawn l-imputat irrefera għar-roster tal-ewwel t'Ottubru. U l-jum kien propju t-8 t'Ottubru u mhux Lulju jew Awwissu kif qalet ix-xhud. Matul l-eżerċizzju tar-raod accident, l-imputat ma setax ikun waħdu mal-imputata għaliex hawn jiħtieġ li jkun grupp ta' xi 26 jew 30 ruħ. Minħabba li l-eżerċizzju huwa delikat u fih element ta' perikolu ma tantx ikollok ċans li tgħaddi kliem taż-żuffjett. L-imputat qal li jżommm id-dixxiplina u jordna biex kulħadd joqgħod attent . Therese Calleja ma kenitx qed tgħin għax intefgħet fuq container tilgħab bil-mobile tant li sħabha stess bdew jilmentaw li mhix qed tgħin. (Ara fol.124 l-aħħar vers fuq id-dati).

23. L-imputat ċaħad ukoll il-kliem b'konnotazzjonijiet sesswali li l-kwerelanti allegat li qal. In-nies ikunu mdawrin miegħu u jkunu jistgħu jisimgħu x'qed jgħid. (Ara fol.125 u 126).

Inċident Xemxija

24. Dwar l-allegat inċident fix-Xemxija l-imputat spjega li dan huwa eżerċizzju iebes. Kien hemm tletin ruħ u żewġ tobba. L-imputat qal li jkun huwa stess li jarma l-equipment u mhux l-ewwel darba li qal lil dawk li jkunu qegħdin jieħdu sehem 'Intom qattgħa tiġieġ. Intom nofs

kedda.' Huwa ċaħad li Therese Calleja kienet għarrfitu li kellha xi uġigħ f'idha anzi fir-ritratt tidher qed titbissem. (fol.127) Barra dan l-imputat ċaħad li qal li kliem li allegat qal lil Therese Calleja. Ċaħad ukoll dak li qal l-istess kliem fil-karozza u sostna li qatt ma kienu qegħdin għalihom – hu u hi.

25. L-imputat nnega wkoll li kien ġiegħel lil Therese Calleja torqod ix-Xemxija. Fuq ir-roster kien hemm miktub li kellha tmur torqod id-dar. Hija kienet raqdet hemm fil-21 ta' Novembru 2005 meta ma kellhiex torqod hemm. Anzi kellha struzzjonijiet ċari li ma kellhix torqod hemm għaliex il-kamra tan-nisa kienet għadha mhix lesta. <u>Therese Calleja kienet raqdet hemm minn jeddha.</u> (fol.130).

26. Kemm Therese Calleja kif ukoll Natalino Bezzina ħarġu jifirħu t-tnejn li lestew il-kamra. (fol.131).

27. L-imputat irrefera wkoll għall-allegazzjoni li għamlet Therese Calleja dwar meta 'missha.' L-imputat qal li fit-22 ta' Novembru 2005 f'dik il-kamra kien ikun hemm xejn anqas mill-grupp kollu u madwar dik il-kamra li mhix ikbar minn 10 bi 8 (piedi). Filgħodu l-kwerelanti ħadet lit-Taljani l-Imdina u l-Mosta. Hemmhekk ma kienx preżenti l-imputat għax kellu meeting mal-Pulizija tan-New Scotland Yard. Imbagħad kellu laqgħat oħra. Theresa Calleja ma kenitx hemm. (fol.133). Il-kwerelanti kienet marret tard għall-meeting u wara l-imputat kien mar bil-karozza ma' tliet persuni oħra. Il-kwerelanti m'għamlitx tindif f'dak il-jum għaliex ma kenitx hemm. Huma ma setgħux ikunu waħidhom għax hi ma kenitx hemm. (fol.134).Huwa qal ukoll li ċ-ċajt bl-istrument li wieħed jixtri minn sex-shop ma saritx minnu. Lanqas biss jidher fir-ritratt. (fol.134). Min għamel din iċ-ċajt għamilha darb'oħra wkoll. U hawn tidher il-kwerelanti tidħak u tiċċajta. (Fol.135). Hawnhekk kien esibit ir-roster in full.

28. L-imputat innega wkoll li kien dagħa u kien ħataf lill-kwerelanti għaliex din kienet raqdet fl-uffiċju ta' Natalino Bezzina. Skond l-imputat hija kienet tefgħet l-akkuża fuqu tat-Tlieta sabiex tgħatti d-dell tagħha.'

29. Fil-kontro-eżami l-imputat spjega li kellu kopji tar-rosters għandu. Hu qal ukoll li l-kwerelanti kienet qed tħawwad fid-dati għax jaqblilha (fol.138) u dak kien l-uniku eżerċizzju li sar ġewwa l-Imtaħleb. L-imputat baqa' jsostni li dan l-eżerċizzju sar darba u li hu kien ħa passi kontra Theresa Calleja meta wissieha li hi ma setgħetx torqod fil-kamra ta' Natalino Bezzina. (fol.141). Jekk kien hemm persuna oħra li raqdet fil-kamra msemmija, din il-persuna kienet żbaljat ukoll. Dwar iċ-ċajta bil-ħwejjeġ ta' taħt, l-imputat qal li kieu hu u Natalino Bezzina biss u kien għamel il-qalziet ma' moħħu. Fil-kamra ma kien hemm ħadd, il-bieb kien magħluq u x-xhud l-ieħor li qalu li kellha l-Prosekuzzjoni lanqas biss tellgħuh.

30. L-imputat ċaħad ukoll li hu kien uża l-kelma li uża Lawrence Sammut għaliex l-imputat kien juża konsistentement l-istess espressjoni: 'qiskom qattgħa tiġieġ' jew 'nofs kedda.' L-imputat nnega wkoll l-inċident tal-ħasil tal-ħġieġ għaliex dak in-nhar il-kwerelanta lanqas biss kienet hemm. L-imputat qal ukoll li l-biċċa ħwejjeġ ta' taħt ma kenitx moħbija għax dan kien mixħut mal-art ħdejn il-heater. Fl-aħħarnett dwar iċ-ċempil fuq it-telefon, dan sar mill-kwerelanti biex tara jekk kienx sabilha xogħol mal-ambaxxata Amerikana. Meta kien mistoqsi jekk kienx ċempel lill-kwerelanti u qalilha li ħolom biha, huwa nnega li kien qal dan il-kliem.

**Pascuale Pipicelli**

31. Id-difiża tellgħet jixhed lil Pascuale Pipicelli li kien preżenti waqt iċ-CHOGM flimkien ma' tnax-il volunteer. (fol.167). Il-laqgħa taċ-CHOGM kienet tinħtieġ li jkunu lesti minn filgħodu sa filgħaxija. Huwa qal li f'jum minnhom (it-Tlieta) Therese Calleja kienet ħadithom l-Imdina. L-imputat ma kienx magħhom. Imbagħad għas-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar iltaqgħu mal-imputat li ħadhom għand l-Ambaxxatur Taljan. Meta reġgħu ltaqgħu filgħaxija għall-briefing dwar l-għada, huwa kien ikun qrib l-imputat minħabba li x-xhud la jaf jitkellem bl-Ingliż u lanqas bil-Malti u allura l-imputat kien jaqliblu għat-Taljan dak kollu li kien jgħid. Meta kien iltaqa' ma' Therese Calleja , kif kien

ġara darb'oħra, kien hemm ċerta avvanzi da parti tagħha fis-sens li seta' joħroġ magħha. (fol 170) L-istess tip ta' diskors kien sar darb'oħra quddiem volontarji oħra tant li baqgħu mistagħġbin. Huwa kien staqsieha jekk kenitx miżżewġa u weġbitu 'Iva' u imbagħad staqsieha wkoll kif mara miżżewġa setgħet tagħmel dawn l-affarijiet. Hi weġbitu li kienet l-użanza tal-Maltin. (fol 170).

32. L-istess xhud qal ukoll li Therese Calleja ma kenitx preżenti waqt il-laqgħa mal-Ambaxxatur. Lanqas kienet marret magħhom biex jagħmlu l-eżerċizzju fuq it-torri. (fol 171). Hawn ix-xhud ikkonferma dak li hemm fil-paragrafu preċedenti li d-diskors li sar ma' Therese Calleja kien sar fil-karozza. (fol 174). Hija qalet li l-Maltin iħobbu ħafna lit-Taljani għaliex it-Taljani huma 'forti amatori.' Il-kwerelanti kienet staqsietu jixtieqx joħroġ magħha iżda hu qalilha li kien ser ikun mal-voluntiera sħabu. (fol 176).

33. Fil-konfront, il-kwerelanta ċaħdet li kienet għamlet tali avanzi. Kien tassew li ħarġuhom iżda kienet darb'oħra u kien ma' grupp. Iżda x-xhud Pascuale Pipicelli baqa' jinsisti li kienet talbitu biex joħroġ. Il-kwerelanta qalet li kienet infurmata li ġej xhud mill-Italja (fol 180) iżda ma qalulhiex ismu.

**Matthew Montebello**

34. Dan ix-xhud kien responsabbli dwar kif kienu jkunu mqassmin in-nies fiż-żmien il-laqgħa taċ-CHOGM. Meta kien jasal l-imputat kulħadd kien joqgħod kwiet għaliex barra li kien hemm rispett lejh, kien bniedem ta' dixxiplina kbira. Huwa qal li hu (x-xhud) kien ħa sehem attiv fiċ-ċajta meta ntuża l-oġġett li wieħed jixtri minn xi sex shop. (fol 186) Fil-preżenza ta' dan ix-xhud l-imputat qatt ma qal kliem dispreġġjattiv jew oxxen. Meta saret iċ-ċajta l-imputat ma kienx preżenti. (fol 188)

**Karen Bonello**

35. Din ix-xhud qalet li waqt l-eżerċizzju tal-absailing fl-Aħrax tal-Mellieħa l-imputat kien fuq nett. (fol 192) Kienet niżlet bil-ħabel akkumpanjata mill-imputat. Hi ma kienet

semgħet ebda kelma oxxena minn fomm l-imputat la dak in-nhar u lanqas qabel. Ix-xhud qalet ukoll li ċ-ċajta msemmija fil-paragrafu preċedenti kienet saret fuqha. Fil-kontro-eżami x-xhud innegat li l-imputat kien qalilha xi kliem oxxen fid-darba l-oħra meta niżlet mal-ħabel. (fol 196 -197). Fl-eżerċizzju l-ieħor żgur li ma kenitx niżlet qabel il-kwerelanti għaliex hi ħtieġet l-għajnuna tal-imputat biex tinżel. Hija nnegat ukoll li Lawrence Sammut kien ġibdilha l-attenzjoni tagħha dwar xi kliem li allegatament intqal mill-imputat.

**Dorianne Vella. (fol 201 et)**

36. Din ix-xhud qalet li l-imputat kien tahom id-duties tagħhom u kien qalilhom biex imorru d-dar għaliex il-kamra (fejn setgħu jorqdu) kienet għadha mhix lesta. It-Tlieta kien daħal l-imputat, qassam id-doveri u telaq. Kienet marret flimkien mal-imputat, il-voluntieri Taljani u voluntieri oħrajn għand l-Ambaxxatur Taljan u marru lura għax-xogħol fis-7.00pm. Monday to Tuesday ħadd ma kellu jorqod hemm. L-Erbgħa filgħodu meta daħal l-imputat xamm riħa ta' spray u Therese Calleja informatu li mhux in-nisa kienu li sprejjaw iżda ċertu Mark għax kien raqad hemm dak il-lejl. (fol.205) Huwa beda jgħajjat iżda mhux kliem biex joffendi. Kien jgħidilhom li qishom tiġieġ. Ix-xhud qalet li kienet tqatta' ħafna ħin mal-imputat għax hu kien il-prinċipal tad-Dog section. L-imputat qatt ma uża xi kliem baxx fil-konfront tagħha jew ta' xi persuna oħra. Dwar iċ-ċajta bl-oġġett li jinkiseb minn sex shop, din saret min-nies oħrajn. Ċertu Matthew Montebello kien jagħmel dan it-tip ta' ċajt meta kien ikun jaf li ma jkunx preżenti l-imputat. Fil-kontro-eażmi x-xhud insistiet li l-imputat ma kienx preżenti waqt iċ-ċajta msemmija għax kien mar l-uffiċċju. Barra dan waqt iċ-CHOGM f'ħafna mill-ħin l-imputat ma kienx ikun qiegħed fid-Dipartiment tas-Civil Protection. Ix-xhud wieġbet ukoll li Therese Calleja kienet ħaslet il-kamra bid-dettol u l-imputat beda jirrabbja għax ma riedx irwejjaħ. Lil Therese Calleja kien qabad magħha volunteer ieħor. Il-kwerelanti hija tip li dak li jkollha tgħidlek, tgħidulek f'wiċċek ukoll mat-tfal tagħha. (fol 213). Għal mistoqsijiet diretti tal-Qorti ix-xhud baqgħet tgħid li

ma kenitx semgħet kliem oxxenn indirizzat mill-imputat lejn Therese Calleja.

37. Fol.217 -237 huma traduzzjoni bil-Malti tax-xhieda ta' Pasquale Pipicelli.

**Alan Attard (fol 238)**

38. Ix-xhud qal li waqt il-ħasil tal-ħġieġ, xi ħadd għadda rimarka dwar il-ħwejjeġ ta' taħt ta' Therese Calleja. Din il-persuna kien jafha minn wiċċha biss. Huwa nnega li kien l-imputat li għadda din ir-rimarka. Huwa qal ukoll li Therese Calleja kienet tatu ċ-ċwievet li kien fdalha Natalino Bezzina. Dan tal-aħaħr kien mal-imputat għand l-Ambaxxatur. Xehed ukoll li Therese Calleja u Natalino Bezzina qattgħu ħafna ħin fl-uffiċċju dik il-ġimgħa. Kienet tnaddaf u tagħmillu t-te.

**Dr. Mario Scerri. (fol 247)**

39. Dr.Mario Scerri kien jaf lill-imputat fuq ix-xogħol speċjalment meta persuni jinqabdu f'karozzi. Dejjem mexxa b'mod professjonali.

**Andrew Sciberras (fol 250)**

*40. Dan xehed li fi żmien il-laqgħa taċ-CHOGM, l-imputat kien jitla', jagħti* struzzjonijiet u jitlaq. Qatt ma kien rah waħdu ma' Therese Calleja, lanqas semgħu ikellimha b'mod indiċenti, u lanqas ħa xi sehem f'xi ċajta. Huwa nnega li (a) hu daħal waqt li l-imputat allegatament kien qed jagħmel attentat għal pudur fuq Therese Calleja (b) u beda jgħajjatlu. Huma kienu jkunu dejjem grupp jistennew l-ordnijiet. (ara fol 254).

**Dr.Jonathan Joslin (fol 256)**

41. Ix-xhud qal li hu kien fil-grupp tad-Disaster System Response Team. Nisa fit kien hemm xi tlieta jew erbgħa. Huwa nnega li l-imputat huwa bniedem li juża ċerti espressjonijiet li jidhru fil-fol 258. Huwa kien ikun sigħat twal mal-imputat u qatt ma tkellem hekk. L-imputat dejjem

kien professjonali fix-xogħol tiegħu u mhxu wieħed li jagħmel ċerti affarijiet.

**Elvio Briffa (fol 262)**

42. Dan ix-xhud qal li kien jaf lill-imputat. Fuq ix-xogħol kien isir briefing u imbagħad kulħadd imur f'postu. Huwa kien preżenti kemm fl-eżerċizzju tal-Imtaħleb kif ukoll dak tax-Xemxija. L-imputat kien iwaqqafhom jekk jagħmlu xi żball. Huwa kien jimmotiva bil-kliem. Kien jgħidilhom 'Iċċaqilqu, boys. Titilfux ħin. Ejja imxu. Taħlulix ħin. Imbagħad biex jieqaf kulħadd kien juża l-kelma 'Still.' Huwa qatt ma sema' lill-imputat jgħid kliem goff man-nisa. (Ara fol 266 għall-eżempji). Matul il-CHOGM qatt ma ra lill-imputat waħdu ma' Therese Calleja. Huma kienu jaraw lill-imputat fil-ħin tar-roster biss.

**Dr.Michael Spiteri (fol 269)**

43. Dan ix-xhud stqarr li l-imputat qatt ma kien juża kliem dispreġjattiv lejn xi membru tal-Korp. Kien dejjem iżomm ir-rwol tiegħu ta' uffiċjal.

**Mark Gatt (fol 275)**

44. Dan ix-xhud qal li wara li dam jistenna erba' sigħat sabiex ikellem lill-Ispettur Louise Calleja u ċemplilha madwar tletin darba, fl-aħħar kellu jiktbilha. Huwa ried ikellimha għax ħass li ma kienx ġust li l-imputat kien sospiż mix-xogħol. Ix-xhud qal li Therese Calleja kienet tagħtihom ħafna trouble. Kienet il-ħin kollu fuq il-mobile tibgħat il-messaġġi jew ma tilbisx is-safety helmet (Ara wkoll fol 285) Kienet turi nuqqas ta' dixxiplina. (fol.279). Waqt iċ-CHOGM huwa ma semax lill-imputat jgħid xi kliem li kien ħasdu u lanqas rah imissha lill-kwerelanta. L-istess waqt l-eżerċizzju l-ieħor ġox-Xemxija – ma kien sema u ra xejn ħażin min-naħa tal-imputat. Huwa nnega li qatt ra lill-imputat jieħu xi kunfidenzi ma' Therese Calleja u baqa' jsostni dan ukoll wara li l-Qorti spjegatlu aktar biċ-ċar x'riedet tfisser bil-kelma 'kunfidenzi'. (Ara fol 282). Huwa kien ikun preżenti għall-eżerċizzi u qatt ma ra xejn u f'xi mumenti kien jiġbed l-attenzjoni ta' Therese Calleja li

b'dak li tkun qed tagħmel kienet qed tkun ta' perikolu għaliha nnifisha u għal ħadd ieħor.

**Neville Camilleri (fol 293)**

45. Dan ix-xhud qal li huwa kien ikun preżenti waqt il-briefings u qatt ma ra xejn. Therese Calleja kienet qalet lil dan ix-xhud ' Jekk jiena nitkeċċa naqla' problema.' (fol 296). Saħansitra anke fuqu kienet gidbet. A fol 297 ix-xhud spjega l-inċident ta' kif kien ipprovokat hu minn Therese Calleja fil-każ fejn kien jidher l-ilbies ta' taħt. Semma wkoll okkażjoni oħra fejn Therese Calleja kienet għamlet xi ħaġa oħra.(fol 297). Kompla jsemmi aktar a fol 298. Ix-xhud ħalef li qatt ma ra lill-imputat imiss lill Therese Calleja. Qal ukoll li ma kienx l-imputat fiċ-ċajta tal-oġġett li jinxtara mis-sex shop. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li hu kien ikun kważi dejjem mal-imputat.

46. Hawn sar konfront bejn Therese Calleja u x-xhud Neville Camilleri (fol 304). Therese Calleja ċaħdet dak li kien qal fuqha Neville Camilleri. Kompliet tinsisti li d-diskors li kien għadu kemm intqal ma kellu xejn mis-sewwa. Min-naħa l-oħra x-xhud Neville Camilleri baqa' jinsisti fuq il-verżjoni tiegħu.

**Karl Cassar (fol 308)**

47. Dan xehed li kien ikun mal-imputat ta' spiss u qatt ma ra xi attaġġjament li mhux xieraq da parti tal-imputat. Huwa qatt ma semgħu juża kliem sesswali. Huwa qatt ma ra lill-imputat imiss lil Therese Calleja fiżikament.

48. Kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-difiża ttrattaw il-każ u l-Prosekuzzjoni esibiet nota li magħha inkludiet kopji tas-sentenzi P verus Gerald Cassar (1959) u P versus Spiru Silvio (1960) dwar in-natura tal-attentat vjolent għall-pudur li kienet semmiet matul it-trattazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Konsiderazzjonijiet Legali dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni.**

49. L-ewwel konsiderazzjoni hija waħda ta’ natura legali. L-artikolu 29 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta’ Malta jgħid hekk:

***’29 (1) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista’ jagħt fastidju lil impjegat ieħor jew jagħti fastidju lill-prinċipal billi jassoġġetta lil dik il-persuna għal kull att, talba jw kondotta mhux mixtieqa li jinkludu kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta’ kliem miktubin, stampi jw materjal ieħor, li rigward dik il-persuna huma bbażati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensivi, umiljanti u intimidatorji lejn dik il-persuna***

***(2) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista’ jagħti fastidju lil impjegat ieħor jew lill-prinċipal (hawnhekk iżjed ‘il quddiem f’dan l-artikolu msejħa ‘l-vittma’ ) billi:-***

***(a) jassoġġetta l-vittma għal att ta’ intimita’ fiżika; jew***
***(b) jitlob favuri sesswali mill-vittma; jew***
***(ċ) jassoggetta l-vittma għal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta’ kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, fejn –***

***(i) l-att, it-talba jew il-kondotta mhumiex mixtieqa mill-vittma u jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensive, umiljanti u intimidatorji lejn il-vittma;***

***(ii) il-vittma tiġi ttrattata b’mod differenti, jew jista’ raġonevolment jiġi antiċipat li l-vittma tista’ tiġi hekk trattata, bħala riżultat tat-tiċħid jew is-sottomissjoni tagħha għal dak l-att, dik it-talba jew kondotta.’***

50. L-artikolu kien prodott kollu minħabba li l-Prosekuzzjoni siltet kliem minnu biex ifformulat it-tieni u t-tielet imputazzjoni.

51. Fit-tieni imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ħadet kliem:

mill-paragrafu (a) tat-tieni sub-inċiż 'issoġġetta l-vittma għal att ta' intimita fiżika' ;
mill-paragrafu (ċ) tat-tieni sub-inċiż ' għal xi att jew kondotta b'konnotazzjonijiet sesswali;
mill-paragrafu (ċ)(i) tat-tieni inċiż ' liema,a tt, talba jew kondotta ma kinux mixtieqa mill-vittma u jistgħu jitqiesu bħala offensivi, umiljanti u intimidatorji;

52. Fit-tielet imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ħadet kliem mill-ewwel subinċiż tal-artikolu 29: 'att jew kondotta mhux mixtieqa, bi kliem bil-fomm jew ġesti li huma bbażati fuq diskriminazzjoni sesswali, u li jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensive, umiljanti u intimidatorji.'

53. L-Att minn fejn ittieħdu dawn l-imputazzjonijiet huwa ntitolat 'L-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.' L-istess Att jagħti definizzjoni ta' x'inhu impjegat billi jiddefenixxi din il-kelma hekk:

''impjegat' huwa kull persuna li jkun daħl fi jew qatt jaħdem taħt kuntratt ta' xogħol'

54. Mill-provi jirriżulta li l-allegata vittma ma kenitx taħdem mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili iżda kienet volontarja. Jiġifieri din ma titħallasx ta' meta tmur għat-taħriġ jew tkun fuq il-post għal dak li jista' jinqala'. Teknikament għalhekk jonqos wieħed mir-rekwiżiti li jinħtieġ dan l-artikolu sabiex ikun jista' japplika għall-provi ppreżentati. L-artikolu jitkellem f'termini ċari dwar 'prinċipal' u 'impjegat' billi juża dawn il-kelmiet mhux anqas minn darbiet (4 darbiet kull waħda) u għalhekk jirriżulta li dan l-artikolu jista' jitħaddem fi sfera fejn hemm xi forma ta' kuntratt ta' xogħol. F'ebda parti mill-provi ma nġiebet prova li l-allegata vittma kellha xi kuntratt ta' xogħol. Bil-maqlub ir-referenzi kienu dejjem li l-allegata vittma hija 'voluntiera'. ( bħala eżempju ara fol.99) Filfatt ma nġabet formalment lanqas il-prova li l-imputat huwa impjegat mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Isegwi li dan l-artikolu ma japplikax għat-tieni u t-tielet imputazzjoni.

55. Il-Qorti qieset ukoll jekk hemm xi reati oħra li huma kompriżi u involuti fiż-żewġ imputazzjonijiet mogħtija mill-Prosekuzzjoni. Fl-istess Att tali reati ma jeżistux u lanqas ma jidhru koperti b'xi reat ieħor fil-Kap 9. Iżda, minkejja dawn iż-żewġ ostakli tekniċi l-Qorti xorta ser tinvesti l-mertu tat-tieni u t-tat-tielet imputazzjoni.

56. Il-Qorti għarblet il-provi li ġabet il-Prosekuzzjoni speċjalment dak li qalet l-allegata vittma fuq x'seħħ jew ma seħħx f'eżerċizzji li saru mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

57. Kif jidher mill-paragrafi t'hawn fuq hija rat sew xi kliem kien allegat li ntqal u x'gesti kienu allegati li saru.

58. F'sitwazzjoni ta' kredibilita' ta' min jixhed il-Qorti kellha bil-fors tikkonsidra l-punt meta saru r-rapporti mill-allegata vittma, kif ġabet ruħha hi stess u x'qal ħadd ieħor fuqha.

59. Mill-ittra tal-allegata vittma jidher li aġixxiet wara li ntbagħtet ittra lilha mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jgħarrafha li l-ingaġġ tagħha kien intemm. Kien żmien meta żewġ l-allegata vittma kien irċieva 'telefonata anonima li fiha kienu saru allegazzjonijiet foloz u infondati dwar(ha) b'konnessjoni max-xogħol tagħha fid-dirpartiment. Fl-email (fol.57) kienet aktar ċara għax qalet hekk:

'jien kelli nitkeċċa għax fit-telefonata qalu lir-raġel li jien kont imqarba f'dawk iż-żminijiet.'

60. Imbagħad xehed Pasquale Pipicelli (fol.166) u sar ukoll konfront bejnu u bejn l-allegata vittma. Ukoll fil-konfront ma tantx ħarġet konvinċenti. Dan ix-xhud deher li kien jaf x'qed jgħid sew meta a fol.170 huwa fehem li l-allegata vittma xtaqet toħroġ miegħu minkejja li kienet miżżewġa. Anzi qal ukoll li dan ġara darbtejn u mhux darba.

61. Fuq kollox l-allegata vittma raqdet fuq il-post tat-taħriġ meta kien hemm ordni stretta biex dan ma jsirx. Il-kamra

fejn kellhom jorqdu n-nisa kienet għadha mhix lesta u għalhekk l-istruzzjonijiet kienu ċarissimi li l-irqad kellu jsir id-dar.

62. Kien ukoll anqas f'loku li wieħed jaħsel ċerti ħwejjeġ f'post fejn lanqas biss suppost li kien qiegħed jorqod. Dawn il-ħwejjeġ probabbli waqgħu aċċidentalment minn posthom iżda meta kienu ngħataw ċerti ordnijiet, aktar u aktar wieħed imissu joqgħod attent u jevita sitwazzjonijiet xejn feliċi. Ukoll jekk din il-Qorti tinjora għal kollox dak li xehed Neville Camilleri a fol 297, fi proċedura kriminali fejn il-prova trid tkun 'l hemm minn kwalunkwe dubju raġonevoli, il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq dak li qalet l-allegata vittma meta tkun qed tikkunsidra wkoll il-punti msemmijin fil-paragrafi 60, 61 u 62.

63. L-allegata vittma lanqas m'hi sorretta mix-xhieda li tellgħet il-Prosekuzzjoni. Per eżempju Lawrence Sammut daqqa jgħid li sema' darba u daqqa darbtejn lill-imputat juża l-espressjoni li tidher fit-tielet vers ta' fol.98. Apparti l-inkonsistenza, hemm negazzjoni minn diversi xhieda li l-imputat qatt uża dik l-espressjoni. U oltre dan, trid tqis il-kliem fil-kuntest li jingħad. Altru wieħed jużah biex jittanta sesswalment u altru wieħed ikun irrabjat għax irid jara li l-affarijiet jimxu u jarahom weqfin. Fil-provi prodotti kien hemm min xehed li l-imputata kienet tkun qed tibgħat il-messaġġi waqt li ħadd ieħor qed jaħdem u li sħabha kienu lmentaw dwar dan.

64. Xhieda oħra jew qalu x'intqal lilhom jew x'ġara lilhom jew kienu għal kollox żbaljati. Ta' l-ewwel huwa hearsay evidence u tat-tieni mhux il-mertu ta' dan il-każ. Għalhekk dak li qal is-Supretendent Raymond Vella Gregory kien biss dak li rraportatlu l-allegata vittma. Min-naħa l-oħra dak li qalet Maria Whitehead, fol.78, 85 u 86 et, l-imputat mhux akkużat bih (vis a vis Marija Whitehead) f'dawn il-proċeduri u għalhekk ma jistax ikun ikkunsidrat minn din il-Qorti. Ix-xhieda ta' Lawrence Sammut mhux attendibbli għax dan jidher li kien qrib wisq tal-kwerelanti biex jagħti xhieda bla preġudizzju.

65. Il-Qorti wiżnet ukoll li dak li xehed Harry Eddleston dwar min kien tah l-oġġett li jinxtara minn sex shop (fol.72) huwa kontradett mill-awtur taċ-ċajta nnifsu. Għaldaqstant dwar dan il-punt, il-Qorti ma tistax toqgħod fuq ix-xhieda ta' Harry Eddleston. L-istess xhud xehed li kien sema' lill-imputat jgħid li l-allegata vittma '- -' (Ara fol.71 vers 8). F'dan il-każ il-Qorti lesta li temmen li l-imputat uża din il-frażi (li kienet suġġerita mill-Avukat Difensur) iżda ma kienx speċifiku dwar l-okkażjoni jew dwar iż-żmien ukoll jekk wieħed ma jkunx preċiż mija fil-mija.

66. Mill-provi mtellgħin hemm konflitt sew dwar id-dati. Difatti l-imputat wera kif id-dati mogħtija mill-kwerelanti ma jaqblux mad-dati tal-eżerċizzi. Per eżempju, hija rreferiet għad-dati April- Mejju 2004 għal meta sar l-eżerċizzju fl-Imtaħleb. Filfatt inġiebet il-prova li dan sar fis-7 ta' Frar 2005. L-istess ġara dwar l-eżerċizzju ta' Ħal-Far. Il-kwerelanti semmiet Lulju u Awwissu waqt li l-eżerċizzju sar f'Ottubru. Fi proċeduri kriminali l-indikazzjoni tad-dati u taż-żmien iridu jkunu aktar preċiżi.

67. Dwar l-inċident bl-oġġett li jinxtara minn sex shop, il-veru awtur taċ-ċajta ħa r-responsabilita' tagħha u għalhekk l-imputat ma kellux x'jaqsam magħha.

68. Minbarra dan ċerti rimarki dwar il-ħwejjeġ ta' taħt jidher li saru minn ħadd ieħor. (Ara x-xhieda ta' Alan Attard).

69. Il-Qorti kkonsidrat il-kwalita' ta' provi li ġabet id-difiża li f'dati fejn allegatament saru xi atti jew inkella ntqal xi kliem l-imputata kienet assenti.

70. Il-Qorti qed tiddeċiedi li

(a) minħabba nuqqas ta' element importanti li jirrikjedi l-artikolu 29 tal-Kap 452, l-imputazzjonijiet numru 2 u 3 dedotti kontra l-imputata ma jaqgħux taħt dan l-artikolu;

U

(b) konsiderati l-provi (minkejja l-ostakolu legali msemmi), il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx it-tieni u t-tielet imputazzjoni ‘l hemm minn kull dubju raġonevoli.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Kwistjonijiet ta’ Liġi.

71. L-artikolu 207 jiddisponi kif ġej:

‘Kull min jinsab ħati ta’ attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta’ priġunerija minn tliet xhur sa sena:

Iżda fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tiżdied bi grad.’

Is-subparagrafu (a) tal-artikolu 202 jgħid hekk:

Il-piena stabbilita għad-delitt msemmijin fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan is-subtitolu, tiżdied bi grad f’kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-ħati jkun inqeda bil-kwalita’ tiegħu ta’ uffiċjal pubbliku….’

72. Id-definizzjoni li tagħti l-Liġi tagħna tal-attentat vjolent għall-pudur hija waħda li telimina – għax tneħħi dawk ir-reati msemmijin speċifikatament fl-artikoli preċedenti ta’ ‘dan is-sub-titolu.’ L-att libidinuż m’hemmx għalfejn jissoddisfa lil min jagħmlu. Huwa biżżejjed li jissodisfa l-ġibda sesswali ta’ min jagħmlu. Is-suġġett attiv jista’ jkun kull persuna, taħt l-eta’ jew maġġorenni, maskil jew femminil waqt illi s-suġġett passiv jista’ jkun kull persuna wkoll. L-istat ta’ deġenerazzjoni morali tas-suġġett passiv huwa rrelevanti minħabba li r-reat fih l-element ta’ vjolenza. L-atti indiċenti m’hemmx għalfejn li jkunu saru fuq il-persuna (Ara: Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali

tad-9 ta' Ġunju 1977 'Il-Pulizija versus Orazio Godwin sive Horace Laudi'). Filfatt f'din is-sentenza l-Qorti ddeċidiet li l-Kap 9 tagħna kien differenti mill-Kodiċi Kriminali Taljan tal-1889 li kien jipprovdi speċifikament li l-offiża trid tkun kommessa 'su persona dell'uno o dell'altro sesso.' Il-pożizzjoni tagħna hija identika għall-pożizzjoni fil-Liġi Ingliża.

73. L-Antolisei jikteb kif ġej dwar dan ir-reat:

***'Il codice vigente …….conisdera 'atto di libidine' lo sfogo dell'appetito di lussuria diverso dalla congiunzione carnale. Rientrano, pertanto, nella figura criminosa in parola tutte le manifestazioni dell'istinto sessuale, e cioe' tutte le forme in cui puo' estrinsecarsi la libidine, escluso il coito…'***

***Affinche' questi atti cadano sotto le sanzioni della legge si esige che essi siano compiuti usando dei mezzi o valendosi delle condizioni indicae negli articoli 519 u 520, e cioe' mediante violenzia o minaccia….'***[2]

***L'elemento materiale del delitto consiste nel compimento dell'atto di libidine, il quale puo' assumere le forme piu' svariate, dal semplice palpamento alle piu' aberranti anomalie.***

***Con la realizzazione dell'atto di libidine il reato e' consumato, non essendo necessrio che il soggetto sia pervenuto a soddisfare la sua concupiscenza. Un solo atto e' sufficiente per concretare il delitto….***

***Quanto all'elemento psichico, basta a concretare il dolo la volonta' fi compiere atti di libidine con la coscienza del carattere libidinoso dei medesimi e della violenza o abusivita' del comportamento.***[3]

---

[2] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale – 1 Giuffre' par.83 pagina 441.
[3] Ibidem pagina 442

74. Il-Prosekuzzjoni ppreżentat nota li fiha rreferiet għal żewġ sentenzi tal-Qrati tagħna. F'dik mogħtija mill-Onor.Dr.J Flores fit-18 ta' Lulju 1959 fl-ismijiet 'Il-Pulziija versus Gerald Cassar' il-Qorti kienet ikkwotat il-Carrara b'approvazzjoni meta qalet hekk:

***'L-attentat vjolent għall-pudur – il-vokabularju 'attentat' fis-sens ta' 'osare', 'ardire' 'tħebb' - jew oltraġġ vjolent għall-pudur, hu kostitwit minn 'tutti quegli atti imputidċi commessi sopra altra persona contro la di lei volonta' (Carrara: Programma par.1542) li ma jkunux jammontaw għal wieħed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmija fl-artikoli ta' qabel. 'Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richieggono condizioni speciali per il lato dell'animo.'***

**Kwistjonijiet ta' fatt.**

75. Wara dawn il-konsiderazzjonijiet legali, il-Qorti qed tħares lejn il-provi. Il-kwerelanti semmiet okkażjoni waħda li għandha titqies li taqa' taħt dan l-artikolu tal-Liġi. Dan hu meta semmiet a fol.22 u a fol 25 li l-imputat kien missha. L-atti l-oħra li semmiet, jiġifieri l-espressjonijiet li l-kwerelanti allegat li ntużaw mill-imputat, ma jaqgħux taħt dan l-artikolu. S'issa qatt ma kien hemm interpretazzjoni ta' dan l-artikolu jkopri kliem jew espressjonijiet biss – kliem jew espressjonijiet li l-imputat jiċħad li qal. Xi element ta' l-użu tal-fiżiku, imqar fuq is-suġġett attiv biss – dejjem tqies bħala sine qua non.

76. Il-Qorti għandha l-verżjoni tal-imputata li dan l-att seħħ waqt iċ-CHOGM. (Ara fol.20). Min-naħa tad-difiża kienu ppreżentati dokumenti dwar rosters kif ukoll ingħata break down tal-attivitajiet li ġraw matul il-jum. Intwera ampjament kif l-imputat ma kienx fuq il-post ħlief biex jagħti briefings u jitlaq malajr lejn xi post ieħor li jkun jinħtieġ l-attenzjoni tiegħu. F'ħinijiet twal l-imputat kien ikun akkumpanjat min-nies oħra hekk kif ikun preżenti għal xi appuntament formali. Minbarra dan waqt li f'ħinijiet tal-jum il-kwerelanti kienet tkun post, l-imputat kien ikun band'oħra. L-imputat kien dejjem imdawwar min-nies.

77. Tassew li, kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni,wieħed ma jistax jeskludi mija fil-mija li ma kienx hemm il-possibilita’ li f’xi ħin il-kwerelanti u l-imputat setgħu kienu weħidhom. Iżda l-onus tal-prova li għandha ġġib id-difiża huwa fuq bażi ta’ probabilita’ u l-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi li d-difiża ġabet provi biżżejjed li l-allegat attentat għall-pudur ma seħħx ( a bażi ta’ probabilita’) waqt li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx prova li tmur ‘l hemm minn kull dubju raġonevoli lid an l-att fil-fatt seħħ. Barra din il-konsiderazzjoni, il-Qorti xejn ma kienet konvinta bil-mod kif xehdet il-kwerelanti u rravviżt ikonsistenza kif wieħed jibża’ minn ċerti atti u imbagħad fl-istess ħin tikser ir-regola u torqod fil-post meta mhux suppost li sar irqad fil-post imsemmi.

78. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

**Konklużjoni**

79. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18 u 207 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikoli 29(2) (a)(ċ)(i) u 29(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta’ Malta, qed tillibera lill-imputat mit-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------